deheb bl-arlogg b'kollox; maghha kienhemm ukoll is-sigill tad-deheb. L-unur tieghu il-logotenent gvernatur, biex jinqatghu u jinkixfu dawn l-abbuzi li qed jizdiedu fil-gzira, iwieghed mahfra lill min seta kien komplici jekk jaghti informazzjoni biex jitta ġsir haqq; jinghata wkoll 50 skud.

15 Marzu 1830 Il-gvern jordna li fit-Tejatru Rjal ma jistghux jigu irrepetuti bicciet ta' muzika fl-istess wirja u jiehu l passi kollha necessarji biex jigi obdut.

11 Marzu 1897 Orarju u nollijiet tal-ferrovija:
(a)kull vjagg mill-belt Valletta sa' taht l-Imdina jiehu 30 sa 40 minuta skond il waqfien fi stazzjonijiet.
(b) l-istazzjonijiet huma: Valletta taht Putirjal; Hamrun, B'Kara, Attard, u taht l-Imdina.
(c) Nollijiet: terza klassi 1d bejn stazzjon u iehor. Prima klassi 2d bejn stazzjon u iehor; Ghall haddiema 1d bejn stazzjon u iehor jew $1\frac{1}{2}$ ghall vjagg kollu.

-----o000o-----

SOTTOSKRIZJONI U SHUBIJA

Biex wiehed jissieheb fl-Ghaqda hemm hlas ta' 50c minn Jannar li gej. S'issa kien 25c fis-sena, izda billi kollox ghola ma stajniex inkopru l-ispejjez hlief b'xi donazzjonijiet. Il-Kumitat, ghalhekk, ser jipproponi li hlas annwali ikun ghal-issa, ta' 50c. Dan xorta ikun zghir, u ghalhekk il-quddiem ghad tizdied. Is-sottoskrizjoni jew hlas ghall-Imnara ikun separat, ghal-issa, ta' 25c. L-Imsehbin huma mhegga biex isibu aktar memberi biex inkabbru l-interess fil-folklor lokali, u fl-istess hin ikunhemm aktar min jghin direttament fix-xoghol.

=====xXXx=====